IT-TIELET KTIEB
TAL-GHAXAR SENA

SETTEMBRU
1934

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

---

## XFIH DAN IL-GĦADD

Ir-Rev. Dr. C. L. Dessoulavy ta' Londra, hawn Malta—Kemm hu kbir il-amar t'Alla! (R.M.B.) — Siġar u ismijiet ta' xi rħula (T.Z.) — Liż-Żahrija (V. M. B.) — L-istorja tal-Musbieħ (L. C.)—Il-Ġilju u l-Warda (P.P. M.B.)— Sika trid tiżżewweġ.... (R.M.B.) — Qassis ġdid (Dum Karm) — Verbi bil-*għ* fl-aħħar u Verbi neqsin (F. S. Caruana) — Mhux dejjem tiġi żewġ (T. Z.)—Il-Bandiera tagħna (Mons. Gauci)—Mikiel Anton Vassalli—(A.C.)—Il-Ħalliel tal-Mejtin (N. Biancardi)—Jixraq ħafna li tispiċċa (Dun Karm)—Kotba u rivisti stampati bl-ortografija u l-Alfabet tal-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* —Lill-Kelb (Dun Karm)—Għajdut Malti (V.M.B.)

# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

IT-TIELET KTIEB TA' L-1934


## IR-REV. DR. C. L. DESSOULAVY TA' LONDRA, HAWN MALTA

Minn mindu bis-saħħa tal - " Għaqda tal-Kittieba tal-Malti " l-ilsien tagħna ħa xejra letterarja sabiħa, u, bħal warda li tħoss in-nida u x-xemx, beda jiftaħ fil-ġmiel u fil-qawwa tiegħu bi proża mżewwqa u b' versi mirquma, bosta għorrief barranin kitbulna biex ifissru l-għaxqa tagħhom b' dak li qiegħed jinkiteb bil-malti, u jifirħulna bir-rebħiet illi l-Għaqda, bir-rieda qawwija, bis-sedqa u bid-dehen, setgħet tirbaħ fil-għaxar snin li ilha toħroġ ir-Rivista tagħha.

P. Raphael Nakħla, S.J., orjentalista mill-kbar, li tgħallem il-Għarbi fil-frieġħi tiegħu kollha u qaleb fil-lsien internazzjonali " Ido ", u fil-Franċiż ukoll, l-aħjar li sab miktub b'dak il - lsien, fit-13 ta' Ġunju, 1926, hekk kitbilna minn rajh fuq il - lsien tagħna u fuq il-poeżija maltija : *C'est avec le plus grand plaisir que j'ai lu votre* " Ward Ieħor "; *que votre poésie est élevée et élevant ! Aucun livre ne m'a fait* aimer et goûter la belle langue maltaise, *autant que le votre.*

*Je suis un jésuite égyptien qui s'interesse beaucoup aux different dialectes arabes*, donc surtout au plus litteraire de tous, le maltais.

Ġeżwita ieħor, ingliż, P. Edmund, F. Sutcliffe, tal-Kulleġġ ta' Heythrop, Oxon, fit-28 ta' Mejju, 1932, hekk kitbilna bil-malti li hu tgħallem u ħabb aktarx iżjed minn xi Maltin li jiktbu bil-malti :

Għażiż Direttur,

Wasalli il-għadd ta' " Il-Malti " li ftit ilu bagħatt lil P. Walmsley biex jagħtihuli. Qrajtu kollu; u bil-qari tiegħu

tgħallimt kif (ingliż flok *kemm*) hu sabiħ il-lsien malti, meta jiktbu bih kittieba li jagħarfu tajjeb ilsien misserijiethom u jżommuh safi minn kliem barrani."

Laurent Ropa, wieħed pajżan tagħna, iżda msiefer minn meta kien tarbija u l-lum surmast fi skola ta' Sarthe, ħdejn Parigi, awtur ta' rumanz bil-franċiż sabiħ kemm jista' jkun jismu *Le Chant de la Noria*—Il-Għanja tas-Sienja—,u poeta tajjeb li jikteb fir-Rivista tal-Poeti Neo-Klassiċi, *La Parenthese*, meta qara r-Rivista tagħna, tilef għaqlu fuq il-lsien malti, u bil-ħeġġa kollha taż-żgħażagħ hekk kitbilna fit-12 ta' Settembru li għadda:— *Je suis particulièrment fier de constater que* notre langue populaire *est capable de produire des effets si beaux. Sous votre plume,* elle est d'une sobrieté, d'une concision et d'une force digne des langues les plus littèraires.

*

Iżda ta' dawn il-għorrief ħbieb tal-"Għaqda" u tal-Malti, u ta' oħrajn li ma semmejniex, ma kelniex sa issa ħlief il-kelma miktuba tal-ferħ, tal-ħajr u tal-qalb. Lilhom infushom ma rajnihomx, ma smajnihomx: il-ħsebijiet u l-fehmiet tagħhom ma ntisġux ma' tagħna f'taħditiet wiċċ-imb-wiċċ. Dan il-pjaċir tahulna biss ir-Revdu. C. L. Dessoulavy, Ph.D., membru onorarju tal-" Għaqda tal-Kittieba tal-Malti ", li fix-xahar ta' Ġunju li ħareġ ġiè ħawn Malta, biex igħaddi xi ftit ġranet magħna.

Ir-Rev.du Dessoulavy hu raġel li għadda ħajtu fl-istudju. Imgħallem tajjeb f'ħafna ilsna semin, sata' bil-ħeffa jaqbad il-lsien Malti, u l-istorja tiegħu: u fid-29 ta' Awwissu, 1928, bil-ftehim mal-"Għaqda", u fl-isem tagħha, fil-belt ta' Oxford, fejn kien qiegħed isir il-Kongress Internazzjonali tal-Orjentalisti, qara taħdita msemmija "The Development of Maltese as a written Language and its affinities with other Semitic Tongues" imħejjija minn żewġ membri tal-Għaqda u mibgħuta lilu għalhekk.

Dan il-ħabib tal-Għaqda wasal hawn Malta nhar il-Ħadd, 3 ta' Ġunju, għall-ħabta tas-sebgħa ta' filgħaxija, u xi membri tal-Għaqda niżlu d-Dwana biex jilqgħuh u jagħtuh il-"merħba bik".

Fil-għaxart ijiem li baqa' fil-Gżira, il-Kumitat tal-Għaqda fittex li jagħti lil dan il-bniedem għaref dak il-ġieħ kollu

u dak il-fied kollu li sata' jagħtih. Fil-5 ta' Ġunju sar it-Thè-tal-Laqgħa, fil-Westminster Hotel, fejn ħmistax-il-membru tal-Għaqda ħadulu b'idu u ħafna minnhom għarfuh għall-ewwel darba. Kullħadd feraħ u kulħadd tkellem b'qalbu f'idejh.

Biex jagħtih xi ħjiel ta' kif inhi Malta barra mill-ibliet, il-Kumitat ħaseb għal żewġ ħarġiet fir-rħula u fir-raba'; waħda max-xaqliba tal-Lvant, bi żjara lill-Prof. Dun P. P. Saydon, wieħed mis-sisien tal-Għaqda, illi dik il-ħabta kien marid u ma kienx jista' joħroġ: l-oħra max-xaqliba tal-Punent, b'waqfa fin-niżla ta' San Pawl tat-Tarġa, fejn ir-Rev. Dessoulavy sata' jara l-mogħdijiet jew raddiet tar-roti mħaffrin ġol-blat, ħadd ma jaf kif u meta, il-lum magħrufa aktarx bl-isem ingliż ta' "cart ruts"; u b'waqfa oħra San-Pawl-il-Baħar, fil-Villa Premier.

Iżda jekk ħa xi ħaġa minn għandna dan il-bniedem għaref, tana iżjed milli tajnieh, għaliex barra minn Taħdita sabiħa fl-Aula Magna tal-Università, fuq il-Kostellazzjonijiet, jew ġlejjeb tal-kwiekebi, kif kienu rrappreżentati fil-kotba l-qodma, għamel Taħdita oħra fl-Uffizzju tat-Tagħlim, il-Belt, mas-surmastrijiet u ma' l-Ispetturi ta' l-Iskejjel tal-Gvern fuq is-suġġett li jmissna fil ħaj: "Xebħ bejn l-Istorja Letterarja tal-Lsien Anglo-Sassonu u dik tal-Lsien Malti": taħdita maħduma bil-għaqal, li xegħelet fil-qalb ta' kull min kien hemm ix-xewqa li l-Malti jieħu xejra letterarja sabiħa kif tixraq lil wieħed minn dawk l-ilsna li mhux għalxejn sejħulhom "ilsna ta' l-azzar." Din il-laqgħa fl-Uffizzju tat-Tagħlim spiċċat b'Thé mogħni sewwa mogħti mis-surmast E. B Vella, li kien ħaseb u ħabrek biex issir dik it-Taħdita.

Meta ġie biex jitlaq mill-Gżira, ir-Rev. Dessoulavy ma għarafx isib kliem biex jiżżi ħajr lill-Kumitat u lill-membri l-oħra tal-Għaqda minn dak li għamlu għalih; u min-naħa l-oħra il-Kumitat u l-membri tal-Għaqda dehrilhom li dawk il-għaxart ijiem li dan il-ħabib tal-Għaqda għadda magħna kienu ħarbu malajr wisq, u xtaqu li kienu bosta itwal biex jisimgħu il-kelma tiegħu fuq il-Lsien Malti u x-xebh u r-rbit li hu għandu mhux biss ma' ilsna oħra tal-Lvant, iżda ma' ilsna tal-lum ukoll; kelma dejjem ġdida, sabiħa u fejjieda.

Konna nixtiequ illi ħbieb oħra tal-Lsien Malti u tal-Għaqda barranin jitħajru mill-miġja tar-Rev. Dessoulavy, u

jaslu wasla fostna biex jisimgħu minn fomm il-Maltin il-kelma maltija, u bil-għerf tagħhom u bit-tiġrib tagħhom iħeġġuna nissoktaw nimxu b'qalb kbira ma' dik it-triq li fuqha ntfajna għaxar snin ilu, b'xewqa u tama sħiħa li ix-xogħol tagħna jkun ta' rfid għal-Lsien Malti u ta' ġid għal ħutna l-Maltin.

# KEMM HU KBIR IL-AMAR T'ALLA!

Naħla għażiża tgħidlix ħaġa?
Kif tgħallimt tagħmel ix-xehda,
Kif tgħallimt mill-ward tlaqqatha,
Kif taħdimha taf u tqiegħda

Grieżel grieżel biex ġo fihom
Fuq saqajk l-għasel iġġorr?
Għid, min għallmek tarda l-ħelu
Li mill-ward twarrab il-morr?!

Xtaqtek tgħidli fejn mort skola,
Kif tgħallimt, maż-żernieq kmieni
Ħaġa m'oħra b'għaqal tlaqqa',
Kif issawwar lewn sewdieni,

Il-qatran? u li b'dan tkaħħal
Iċ-ċaċċisi ta' kamartek
Biex fil-kwiet annuna taħdmu
Ommok ħutek inti u martek!

Għidli naħla u għidli s-sewwa
'L-ommok min għallimha r-rżina
Kif taf taħkem kollha l-ġlajka
Bil-kmand tagħha ta' Reġina.

U għalfejn nistaqsik nokqgħod!
Lejn is-Sema 'l qalbi ntalla'
U mistagħġeb nistqarr ngħid :—
Kemm hu kbir il-amar t'Alla!!.

R. M. B.

# SIĠAR U ISMIJIET TA' XI RĦULA.

Milux ġie jżurni ħabib li għadu kif ġie minn barra, konna mmorru flimkien l-iskola fi żmien il-prefett Dun Mikiel Seykell u r-rettur Saver Schembri, ara kemm ilu! Feraħ bija mhux ftit u tkellimna fuq mitt ħaġa, fuq dak li għadda minn għalina, fuq fejn dawn il-gżejjer marru 'l quddiem u fuq fejn baqgħu lura. Laqtitu wisq, lil ħabibi, dik li f'dawn is-snin kollha ħadd ma ġietu f'moħħu jżejjen dawk ir-rħula li isimhom ġej minn isem ta' xi siġra b'kotra ta' siġar li tfakkar lil kulħadd għaliex ir-raħal ħa l-isem. Nieħdu Ħal-Luqa, issokta jgħid sieħbi, il-Luq, kien igħidilna l-professur Ġavinu Gulia, hu l-*pioppo* bit-taljan-*poplar tree*, bl-ingliż. Dawn is-siġar sbieħ, naħseb li kienu jikbru u jħaddru fuq dawk il-għoljiet minn ewl id-dinja. Ma kienx jixraq li siġar tal-Luq jitrawmu f'misraħ u f'xi toroq ta' dak ir-raħal? Sieħbi mar San Ġiljan u, fil-misraħ ta' l-ewwel ramla msejjħa *Tal-Balluta*, ma lemaħx balluta waħda biex turi mnejn ġej l-isem tar-ramla. Il-balluta hi l-*oak tree* bl-ingliż, *quercia*, bit-taljan, siġra li tikber tajjeb għandna, kif naraw fid-daħla tal-Pwales u fid-daħla tal-wied ta' Birkirkara meta nħallu l-Imsida. Naħseb li kieku ġietu f'moħħu, il-Markiż Scicluna, kien iżejjen il-misraħ fejn hemm il-għajn bil-ballut. Aħjar hekk inkella jikteb l-isem fuq dak il-ġmiel ta' bini li talla' quddiem ir-ramla.

Għandna *San Ġwann tal-Għargħar* bejn tas-Sliema u Birkirkara. Siġra tal-għargħar (*giunipero, juniper tree*) kienet tixraq ħdejn il-Knisja mill-anqas. U Ħal-Għargħur, li x'iżjed ġej minn għargħar ukoll jixraqlu, naħseb, ftit siġar tal-għargħar għal ġieħ ismu.

U ż-żebbuġ fejn hu? Dik is-siġra li tagħti dik il-frotta bnina u meħtieġa li, magħsura, terħi ż-żejt li bih igħix il-poplu tagħna! Il-għala ma jixxettlux siġar sbieħ taż-żebbuġ fil-misraħ tal-Knisja taż-Żejtun, ta' Ħaż-Żebbuġ, taż-Żebbuġ ta' Għawdex ta' Burżebbuġa? Siġra sabiħa mita tkun miż-muma tajjeb u magħżula, is-siġra taż-żebbuġ, sieħbi jixtieq jara dawn is-siġar fejn isimhom isejħilhom. Għandna min jieħu ħsieb ta' dan u jekk il-Gvern ittarraflu xi ħaġa, b'nefqa żgħira, kollox iseħħ.

U xi żabbara *(Alœ vulgaris)* fejn tidher sewwa f'Ħaż-Żabbar m'hux ta' min jaraha?

Issokta jgħid sieħbi: Għandna Piazza Celsi u Sda. Celsi, mit-taljan Gelso (*Morus alba u Morus nigra*) it-tuta u ċ-ċawsra—siġra magħrufa li dari tinżamm aktarx biex irabbu d-dud tal-ħarir li jiekol il-weraq tagħha biss. Siġra minn dawn f'dik li ngħidulha Piazza Celsi, quddiem l'Aragon, il-Belt kienet, naħseb, tixraq kemm għalina kemm għall-barranin li jsiru jifhmu mnejn huma ġejjin xi ismijiet ta' rħula u ta' toroq.

Ġieni f'moħħi nikteb dak li qal sieħbi fit-taħdita li kellna biex, jekk jista' jkun, din ix-xewqa tiegħu sseħħ għall-ġieħ ta' dawn il-gżejjer u tal-Isien Malti.

Hekk għandna nuru l-imħabba tagħna lejn pajjiżna mhux bil-kliem biss; il-poplu jitgħallem u actar jitħaġġeġ lejn il ġrajja ta' dawn il-gżejjer. Naħseb li l-ġurnali tagħna jkomplu ma' dak li xtaq sieħbi u l-biċċa sseħħ.

T. Z.

# LIŻ-ŻAHRIJA

Kemm int ħelwa, ja Żahrija,
Fost tal-kwiekeb il-miġemgħa
Donnok żahra waħdenija
Illi nbitt fin-nir tas-sema!

Dika l-kewkba, inti, l-ġerrejja
Fost li jduru max-xemx tagħna
Li għal ġmielek u ħlewwietek
Ta' l-imħabba sirt sultana

L-aqwa dawlek! għax xħin jisbaħ
Tiegħek tibqa' l-aħħar dija
U inti tibda tiddi l-ewwel
Meta jidlam fil-għaxija

Jekk insew, m'għarfux lil Alla
Dawk in-nies li tawk il-qima
Jiena fik il-cobor Tiegħu
Nagħraf u nagħtik tislima.

V. M. B.

# L-ISTORJA TAL-MUSBIEĦ

Alla l-Imbierek, fost il-ħajjin kollha li ħalaq, lill-bniedem biss tah il-għerf u s-setgħa li jżid il-ħwejjeġ tal-ħulqien.

Dan il-ħaj tal-għaġeb, il-bniedem, li jistħoqqlu tassew it-tifħir li jfaħħru l-ktieb Imqaddes meta jsemmih bħala "Sura u xbieha t'Alla," mill-bidu tiegħu fuq wiċċ l-art sal-lum ma hediex jagħmel ħwejjeġ tal-għaġeb, u anqas fi ħsiebu jehda, milli jidher, sa l-aħħar taż-żminijiet.

Il-bniedem, sa minn bikri, donnu ħass li ma kienx biż-żejjed għalih li jara biss meta fuq wiċċ is-sema jiddu x-xemx u l-qamar u l-kwiekeb. Ried "joħloq" xi ħaġa li biha jista' jara wkoll kull meta u kull fejn id-dawl ta' dawn l-egħjun tas-sema ma jaqdihx jew ma jilħqux.

Għal dan, il-bniedem ħaddem dak il-għerf barrani li tah Alla lilu waħdu, u hekk għamel jew "ħalaq" il-musbieħ.

Kif tgħid ġie f'moħħ il-bniedem li biex ikollu d-dawl f'ħinijiet u mkejjen tad-dlam, jagħmel musbieħ biż-żejt u l-ftila?

Billi l-bniedem minn żminijiet bikrija, beda, bħala għelm ta' ġieħ lil Alla jaħraq il-bhejjem, fosthom il-qażquż li għandu bosta xaħam naħseb li xi darba, xi wieħed mill-bnedmin ewlenija, tagħtu f'għajnejh xi laqxa ħatab żgħira imwaqqgħa mill-ħuġġieġa, li sata' lemaħha taqbad bla ma tinħela ġewwa xi għadira żgħira ta' xaħam imdewweb li niżel mid-dbigħa ta' fuq l-artal.

Nistħajjel li qal f'qalbu: "Jekk nagħmel biċċa laqxa bħal dik ġewwa ftit xaħam imdewweb u nixgħelha jista' jkolli d-dawl fil-għerien tiegħi għal bosta ħin."

Hekk, k'ikolli ngħid, sar l-ewwel musbieħ. Il-bniedem sata' rawwem qoxra kbira ta' xi mħara, jew bieqja tal-ħaġar, imlieha bix-xaħam imdewweb u waħħal f'nofsu laqxa tal-għuda jew xi malluta tal-għeruq irqaq nixfin. Kebbes il-kubrit miż-żnied, xegħel dik l-ewwel xorta ta' ftila, u hekk "ħalaq" l-ewwel musbieħ.

Meta l-bniedem tgħallem jagħġen it-tafal, jaħmih u jisngħu fuħħar, bdiel il-bwieqi ta'l-imħar u tal-ħaġar beda jagħmel l-imsiebaħ tiegħu fi bwieqi tal-fuħħar. Bosta bwieqi u brajmiet li għandna fil-mużewijiet tagħna maħruqin fil-ġewwieni tagħhom u fi truf xuftejhom aktarx li ma humiex ħaġa oħra għajr imsiebaħ tax-xaħam ta' l-ewwel żminijiet.

Min irid jista' jmur jarahom; uħud minnhom sbieħ wisq. Għandhom il-għamla ta' wiżża bla ras. Jista' jkun li għahekk kien hemm min qal li l-ewwel imsiebaħ ġew magħlmula minn tajr maqtul.

Ħaġa tal-għaġeb hi li dak li jilħaq isir darba jibqa' jsir għal dejjem jew għal żmien mill-aktar twil. Sal-lum għadna naraw din il-għamla ewlinija ta' msiebaħ li drajna ngħidulhom " fjakkli "—imsiebaħ magħmula minn bwieqi żgħar tal-fuħħar mimlija bix-xaħam bi ftila f'nofshom imwaqqfa bejn erba' żrariet żgħar. Dawn il-fjakkli jitqiegħdu jixegħlu fuq il-bjut ta' xi knejjes tagħna—bħal fuq il-bejt tal-Katidral fl-Imnarja u fuq il-ħitan tal-Imqâbar fil-Għid ta' l-Imwiet.

Meta l-bniedem tgħallem joħroġ iż-żejt miż-żebbuġ u jagħżel l-imradan mill-qoton, dak iż-żmien il-musbieħ ħa bixra oħra. Il-fuħħari beda joqros qarsa ġenb il-bieqja tattafal hu u jagħmilha, u hekk joħorġilha bħal munqar. Ġewwa dak il-munqar bdiet titqiegħed il-ftila tal-qoton, waqt li l-musbieħ, beda jintela biż-żejt. Titqabbad il-ftila u n-nar jiġbed iż-żejt minn bejn il-ħjut tagħha u jibqa' jixgħel għal żmien twil.

Imsiebaħ oħra ta' din il-għamla għandhom żewġ qarsiet jew imnaqar fejn iżżomm il-ftila. Mhux għalkemm tgħid liema għamla hija l-eqdem, ta' ftila waħda inkella ta' bi tnejn. L-imsiebaħ qodma li jinsabu fid-dwiemes tagħna huma kollha ta' żewġ ftejjel waqt li dawk li jinsabu fl-art ta' Kangħan huma aktarx kollha bi ftila waħda. (1)

Wara l-għamla tal-musbieħ bil-qarsa xi ħadd li jagħmel il-fuħħar donnu ġieh f'moħħu li, kieku jbiddel il-qarsiet u

---

(1) Naħseb li l-musbieħ li kien jitqiegħed fid-demus mal-mejjet kien ikollu xi tifsira dinija jew "religjuża." Iż-żewġ ftejjel tal-musbieħ li meta jixegħlu jagħmlu żewġt idwal aktarx li kienu jfissru ix-xemx u l-qamar, jew fi kliem ieħor iż-żewġ allat ewlienija ta' misserijietna, Molok Astart. Donnhom niesna b'hekk kienu jridu jfissru li ruħ il-mejjet tinsab fid-dawl ta' l-allat, bħalma fil-knisja tagħna għadna issa wkoll nisimgħu jingħad fit-talb tal-mejtin: *et LUX perpetua luceat eis* — id-dawl dejjiemi jiddi lilhom. L-imsiebaħ li jinsabu f'Kangħan jew Palestina huma aktarx imsiebaħ lhud, li għandhom ftila waħda għax il-Lhud jemmnu f'Alla wieħed.



Kif tbiddlet il-għamla ta' xi msiebaħ
*( mil-lemin għax-xellug )*

jagħmilhom toqob kien ikun aħjar, għax il-ftila żżomm iżjed u ż-żejt jinħela anqas. Hekk ħarġet dik il-għamla ta' msiebaħ b'żewġ toqob li wħud minnhom jinsabu merfugħa fil-Mużew tal-Belt.

Wara din il-għamla, naraw il musbieħ igħaddi 'l quddiem u jieħu bixriet sbieħ, li jiġu mżejna b'kitba, taħżiż u bosta xorta ta' xbihat. Il-musbieħ ta' din il-bixra huwa wkoll bi ftila waħda, li tiġi mqiegħda f'għamla ta' żernuna żgħira. Il-bieqja tal-musbieħ bdiet tiġi mgħottija b'għamla ta' għatu mwaħħal, b'toqba jew toqobtejn f'nofsu mnejn jissawwab iż-żejt għal ġewwa fih, u drabi b'naqra ta' widna biex jinżamm minnha. Imma min irid ikun jaf sewwa kif inhuma dawn l-imsiebaħ, għandu jasal wasla sal-Mużew u jarahom hemm.

Ħelwin wisq huma l-imsiebaħ ta' l-Insara. Għandhom din il-għamla li qegħdin ingħidu u l-wiċċ jew għatu tagħhom huwa mżejjen bix-xbieha tas-salib, jew bil-monogramma ta' Kristu ☧ jew drabi bil-ħuta, bis-siġra tal-ħajja, bil-ħamiema, bil-għażżiela, bil-ljun u bil-ħaruf.

"Xi jfissru dawn ix-xbihat kollha?" jista' jkun li jsaqsi xi ħadd. X. P. huma l-ewwel żewġ ittri tal-kelma griega KHRISTÔS li tfisser "Kristu." Il-ħuta, bil-grieg tissemma' IKTYS. Kull ittra minn dawna l-insara ewlenija kienu jagħtuha tifsira ta' kelma sħiħa, hekk: Iesus Kristós Teou Yos Sotir li bil-malti tfisser: Ġesu Kristu t'Alla Iben Feddej. Is-siġra tal-ħajja tfisser l-Ewkaristija jew il-Qorbân; il-ħaruf ifisser l-Iben t'Alla, kif kien semmieh San Ġwann il-Għammied; il-ħamiema tfisser is-Sliema li ġiebet fid-dinja l-miġja ta Sidna; il-għażżiela tfisser ir-ruħ tan-nisrani, kif ixebbahha l-ktieb tal-Għana ta' David: *Sicut sitit cervus ad fontes acquarum ita sitit anima mea ad te Deus,* li tfisser: *bħalma l-għażżiela tagħtax għal l-egħjun ta' l-ilma, hekk ir-ruħ tiegħi tagħtax għalik, ja Alla.* U l-ljun ifisser ukoll Kristu, li fil-kotba mqaddsa hu msemmi l-ljun ta' nisel Jehuda, iben David.

Ħaġa ta' min jistagħġeb biha hi kif daħlet u tnisslet ġewwa Malta dik il-għamla ta' msiebaħ bi ftila waħda li għadhom jinqdew bihom xi nies fit-truf tar-rħula sal-lum. La fl-oqbra mfarrda jew dwiemes, lanqas fl-oqbra għalanija jew katakombi ma jinsabu minnhom. Tgħid daħħluhomx il-Maro-

niti li ġewna minn Libnan għall-ħabta tas-seklu VIII ? Jista' jkun li hekk, għax l-imsiebaħ li jidhru b'dik in-naħa kollha ta' ftila waħda, u bl-għamla ta' dawn l-imsiebaħ li għandna ninqdew bihom sal-lum. (2)

Imbagħad għandna għamla oħra ta' msiebaħ,li billi huma ftit aktar għalja minn dawn li semmejna qabel, kienu jinqdew bihom aktarx in-nies li jagħmluha tajjeb. Dawna għandhom is-sieq li titla' minn ġewwa bieqja żgħira. Fuq is-sieq, li drabi jkun fiha żewġ widnejn, drabi waħda u drabi xejn, jinsab imwaħħal il-musbieħ b'munqar wieħed jew bi tnejn, fejn iżżomm il-ftila. Din ix-xorta ta' musbieħ aħna mdorrijin ingħidulha " Kandlier ".

Imbagħad hemm il-kandlier l-ieħor tar-ram li ħadd ma kien jinqeda bih ħlief in-nies għonja ma' tul is-snin tas-seklu l-ieħor. Dawn huma magħmula minn riġla twila xi xiber, tielgħa minn ġewwa bieqja, u f'nofs ir-riġla bħal ġewża tar-ram biż-żnienen—tnejn, tlieta u drabi erbgħa. F'kull żernuna titwaħħal ftila, li tixgħel biż-żejt. Fir-ras tar-riġla, il fuq mill-ġewża, hemm ħolqa mnejn wieħed jista' jaqbad il-musbieħ bla ma jdellek idejh biż-żejt.

Wara din il-għamla ta' l-imsiebaħ daħlu l-lampi tal-petrolju, warajhom il-gas u d-dawl elettriku. Il-musbieħ, bil-faqar tiegħu, għadu ma ħalliex id-djar tan-nies foqra u mġebbda, fejn twieled, u fejn id-dawl elettriku hu għani u mkabbar iż-żejjed biex jidħol.

Imma l-akbar tifħir jistħoqq lil min ġie l-ewwel. Hu biċċa għerf id-dawl elettriku, u wera ħiltu min intebaħ bih; imma għerf akbar wera dak il-bniedem ewlieni li kellu l-ħila jbiddel il-lejl fi nhar billi " joħloq ", għall-ewwel darba, l-wast li jdawwal id-dlamijiet.

Tassew li l-bniedem hu xbieha u sura t'Alla. Alla qal: " Isir id-dawl ", u d-dawl sar ; il-bniedem qal : " Nagħmel id-dawl ", u hekk għamel il-musbieħ.

L. C.

---

(2) Smajt kemm-il-darba min-nies Maroniti nfushom, u darba qrajt titrifa fir-Rivista *Vita e Pensiero* ta' Milan li għadd ta' Nsara Maroniti biex jaħarbu l-qilla tal-Misilmin telqu minn Libnan u ġew joqogħdu f'Malta. Barra mill-imsiebaħ ta' ftila waħda, itik li taħseb li bosta ismijiet ta' ħwejjeġ insara—bħal : magħmudija, qrâr, tqarbin, miru etċ.— daħħluhom fostna dawn il-Maroniti wkoll.

# IL-ĠILJU U L-WARDA (*)

B'siġar ħodor fjuri u xitel,
Mimli fwieħa minn tal-ward,
Ġewwa ġnien Ġilju mill-isbaħ,
Kien jinsab iżejjen l-art
Ftit fil-bogħod ġo l-istess ġnien
Warda sbejħa lemaħ kien.

Hekk kif raha l-Ġilju f'qalbu
Ħass imħabba wisq qawwija;
Beda jgħid bejnu u bejn ruħu:
Oh xi ġmiel kemm tgħodd għalija!
Qal fehemtu 'l wieħed ġaru
Li bħal martu jridha f'daru.

Iżda l-ġar li kien tal-għaqal,
U tassew tiegħu ħabib:
—Ħija—qallu—il-parir tiegħi
Ħdejn il-warda la tmurx qrib;
Għaliex dik bix-xewk minn tagħha
Ma tkunx tista' tgħammar magħha.

—X'inti toħlom—qal il-Ġilju,
—Jien ħlief ġmielha ma narax,—
Tant kien mogħmi mill-imħabba,
Li x-xewk jilmaħ ma satax.
Kos bħall-Ġilju min jaf kemm
Nies ġo'r-rħula u ġo'l-bliet hemm!

Ma riedx jisma', u sar il-Ġilju
Aktar jiebes milli kien;
Wara ftit kif kien imbellah,
Lemaħ riesaq lill-ġennien:
Lilu għajjat minnufih
Qalbu ħassha bħal tistriħ.

---

(*) Inġibu din il-poeżija tal-mejjet poeta P. P. Mifsud Bonnici biex ma nħalluhiex mirduma qalb il-ħerba letterarja ta' ħamsin sena ilu.

—Ja ġennien—il-Ġilju qallu,
=Jien pjaċir minnek irrid;
U aqtagħhieli din ix-xewqa
Għaliex żgur naqa' marid;
Kieku ridt li ġġibli miegħi
Dik il-Warda b'mara tiegħi!

—Kollox sewwa—l-ġennien wieġbu,
—Iżda qabel, qabel xejn,
Sabiex nagħmel id-dmir tiegħi
Kieku ngħidlek xi kelmtejn;
Il-parir li se'r nagħtik,
Li daż-żwieġ ma jgħoddx għalik:

Għax int fjur sabiħ u tari,
L-iżjed wieħed delikat,
U inti taf li l-Warda tnigges,
Ma taqblux... tgħix iddisprat:
Tħarisx biss lejn il-ġmiel tagħha,
Ara wkoll ix-xewk li magħha.

—Ma rridx naf—qabeż il-Ġilju,
—U la b'xewk u la b'tingis;
Ma tarawx donkom is-sewwa....
Lilha rrid u rridha fis,—
Il-ġennien dlonk medd idejh,
Qala' l-Warda u ġiebha ħdejh.

Hawn il Ġilju nħallik taħseb,
X'hena u ferħ sab ruħu fih,
X'kumplimenti... xi kliem ħelu....
Lill-Għarusa laqa' bih!
Ruħu ħass fiċ-ċentru tiegħu
Għax il-Warda għandu miegħu.

Għaddew ġranet tnejn jew tlieta
U fil-hena baqgħu t-tnejn;
Ma... oh tad-dinja ż-żmien x'jitbiddel,
Kif imur kollox fix-xejn!
S'issa hena, l-ebda wġigħ;—
Fl-aħħar nefaħ qawwi r-riħ.

Il-buffuri bdew iħabbtu
Warda u Ġilju ma' xulxin;
Beda ix-xewk jinfed il-Ġilju,
Għamlu bċejjeċ il-miskin!
Spieda l-hena spiċċa l-għors,
Ħawna tbiddel id-diskors.

—Kemm int goffa—l-Għarus għajjat,
—Warda vili x'int selvaġġa;
Ma tarax li bix-xewk tiegħek
Lili kiefra qiegħda twaġġa'!
Nisħet iva dik l-imħabba,
Minnek jien ġa nħossui mxabba'...

Il-ġennien li sama' kollox,
Dar lejh qallu:— " Ja ħabib,
" Sikket fommok, ħu paċenzja,
" Għal dal-gwaj ma hemm tabib;
" Dana kellek tarah qabel...
" Ħadd ma jħollu issa dal-ħabel.

" Ftaħtlek jien għajnejk bi kliemi,
" Iżda widen ma tajtnix;
" Inti biss għajnejk irmejthom
" Fuq il-ġmiel, fuq it-tlellix:
" Iżda dawna le ma ġewk
" Idewwuk mill-kiefer xewk."

P. P. M. B.

# SIKA TRID TIŻŻEWWEĠ....

Xi mitt sena ilu ġo r-Rabat ta' Għawdex, Kieli ta' Brajna kien qiesu s-Sindku jew l-Arċipriet, kien jafu r-Rabat bi ħġaru. Taf fejn kien ipożdi? Sda, Carità trejka li mittrieq tal-Knisja tal-Bambini, hekk imlaqqma dik il-Knisja tar-rħieb tal-Carità, twasslet sewwa-sew sa quddiem is-sakristija ta' San Ġorġ.

Kieli f'din it-trieq kellu dar u ħallieha lil l-erbat ibniet li kellu mlaqqmin l-erba' staġuni. Tgħid għadx fadal min jiftakarhom l-erba' xebbiet ta' Kieli ta' Brajna, il-lum kollha tnaqqew waħda wara l-oħra, sa ħamsin sena ilu kien għad fadal tnejn minnhom Grezzjulla u Rita, u kienu jagħmluha tajjeb; missierhom xi uqitejn kien ħallielhom, barra id-dar fejn kienu joqogħdu u xi żewġ lokijiet oħra, kellhom ukoll erba' ġonot raba' wara ta' għajnqatet u l-Vgura taħt ir-riħ tal-Għarb: barra minn dan il-ġid, kienu jlaqqtu sewwa u jfaddlu xi sold ukoll mix-xogħol ta' idejhom, għax Grezzjulla u Sika minn sbieħ ommu sa għib ix-xemx kienu jagħżlu bir-raddiena; fl-Avemarija bomm jerfgħu mix-xogħol ixiddu l-għonnella ta' fuqhom jorbtulek il-maktur abjad għoqda ċoff sa taħt għonqhom, il-għonnella ta' rashom u jerħulha lejn il-Knisja ta' Santu Wistin fuq it-tomba, hemm kien rawwimhom jisimgħu l-quddies missierhom, jinvistaw, u Grezz, il-kbira fost it-tnejn tqassam ħames posti rużarju, għarrkobbtejhom mill-bidu sa l-aħħar u mill-ġdid għad-dar; u wara l-fatra erħilhom għal fuk ir-raddiena; jintasbulec għall-qiegħa ta' l-art bil-musbieħ ta' ħabba mixgħul fuq l-imnara u jqattgħulek sagħtejn oħra sahra fuq siegħa lejl.

Grezzjulla u Sika kienu jaħdmu bl-imqieta; Toni tat-Tutur kien jagħtihom il-maħluġ u huma jrodduhulu mraden. Kien jagħtihom irbgħajjejn għal kull ratal imraden. U baqgħu jistinkaw sa l-aħħar u għidlek li ż-żewġ staġuni kellhom mfaddlin erba' ħabbiet sewwa!.. biċ-ċiera dejjem fuk l-imbierka ta' raddiena, igħaddu b'ħabba, ix-xogħol ta' idejhom kienu jfaddlu iżjed minn nofsu u l-qbiela u xi uqitejn tar-renta għal ġewwa l-moħba.

Mela, kien ix-xahar tar-Rużarju, u għal xi t-tmienja ta' fil-għaxija, kif kienu Grezzjull u Sika minsuba fl-art bil-musbiħ inemnem ma' ġenbhom, Sika dehrilha li semgħet ħoss ċkejken taħt is-sodda u li rat ukoll it-turnalett tas-sodda bħal jiċċaqlaq xi nitfa......

Għandna n-nies, qalet bejn ruħha u bejna, iżda xejn ma ttiefset minn barra, baqgħet tfesdaq l-imranen mill-imsierek, u titħasseb x' taqbad tagħmel biex tgħajjat l-ajjut, bla ma jinduna l-ħalliel u... Grezzjull, kegħdha ngħid, koss, kemm aħna boloh... bqajna nistinkaw u naħdmu bla ma żżewwiġna u la għandna min idur bina u lanqas ma għandna 'l min inħallu ġidna... jiena, jekk ikolli, niżżewweġ għad li kbirt! –X'inti thewden, mela qiegħdha titlef?!—Grezzjull, għaddielha minn rasha... u kienet bejn ħaltejn jekk oħtha Sika kinitx issamsar, hix qiegħda tgħid bil-ħlieqa jew inkella għaddilhiex xi riħ ħażin minn għala moħħa.—

....U mhux biċ-ċajt qiegħda ngħid. Irrid niżżewweġ, għax dan... mhux qagħdi hawn.... u qamet, telqet l-imraden u tieħu xejra dritt għal ġol-gallarija tal-ħaġar li tiġi sewwa-sew fuq il-blajjet ta' fuq il-bieb ta' barra! u... niżżewweġ irrid, xirfet tgħajjat b'kemm kellha ħanxra, u l-lejla rrid niżżewweġ! Grezzjull, qabadha ferħ ta' ġenn, meta rat lil Sika b'dik id-dehwa, b'ħalq daqsiex tgħajjat mill-gallarija li dik il-lejla stess trid tiżżewweġ! u, qalbha tħabbat sitta-sitta, bdiet issul magħha u ssikkitha kif tista'; iżda:

—Irrid niżżewweġ! Kompliet ittenni waħda f'waħda Sika; u sadattant in-nies bdiet tinġabar ġmielha wara l-bieb tagħhom, resqu wkoll xi tliet ġandarmi u s-sottospettur, ir-rajjes tal-pulizija ta' Għawdex, u dan qal lil Grezz: inżel iftħilna: iżda Grezz wiġbitu: ma nivdahiex, għax nibża' li taqbiżli għal isfel! Is-sottospettur f'leħħa ta' berqa qal lil wieħed mill-ġandarmi jnewwel bilġri sellum u f'kemm ili ngħidlek hu u l-ġandarmi telgħu bħal egħfiered u qabżu ġol-gallarija.

—Alla jibgħatha tajba l-lejla—qal Wistin it-Tullier minn taħt il-lsien, lil wieħed minn sħabu; jekk m'għandux jordnana għal Malta l-lejla b'Sika għal ta' Frankuni!

U Sika, b'nifs qawwi, iżda bħal waħda li donnu serrħet rasha, tgħajjat: irrid niżżewweġ iva u l-lejla.

—Aħna nżewġuk, qallha s-sottospettur b'nofs daħka, iżda, il-lejla lil min tridna nżewġuk dal-ħin, f'ġieħ l-erba' staġuni! Weġbitu, fil-ħin li wriet it-turnalett tas-sodda.

—Lil dak ta' taħt is-sodda!

Kelment Bezzina u Kurun Ħaber, żewġ pulizija, jikxfu malajr it-turnalett, u, ja binti, isibu mimdud minn tulu għal żaqqu raġel, b'sabru jistenna 'l Grezz u 'l Sika, jidħlu ġos-

sodda biex mal-lejl jivgahom u jisirqilhom il-mifles li ħallielhom missierhom u li bir-renta u bl-istink tagħhom kattruh għal darbtejn jew tlieta; iż-żewġ sbirri u l-ieħor sħabhom, bil-għajnuna wkoll tas-Sottospettur, ħatfu f' chemm ili ngħidlek lill-ħalliel, karkruh lejn il-Kastell u l-għada immanettjat niżżluh Xambre u parpruh lewt lewt lejn Malta fuq dgħajsa tal-pass ta' Pupul tal-Firilla; sat-tlieta kien taħt l-imfietaħ tal-Klistanija.

U Sika?

—Miniex miġnuna... Sika qalet lil Grezz!

Trid tara 'l Grezz imqabbda f'Sika tgħannaqha u tbusha!

U Sika bil-għaqal ta' rasha kellha l-ħila teħles mill-mewt hi u lil oħtha Grezzjull.

R. M. B.

# QASSIS ĠDID (*)

## SUNETT.

Rasu mżejna bil-ward, dak fommu hieni
sejjaħlek l-Għana: int għaddejt u rfistu:
rażżant ir-Rieda, w bħal Rażul qalbieni
ħaddant ma' sidrek is-salib ta' Kristu.

Tal-Ġilju safi li għożżejt minn kmieni
xterdet il-fwiħa, għax mill-pest ħaristu:
issa qtajt xewqtek: saċerdot għalbieni
messejt bil-jedd l-artal tal-Fidwa w bistu.

Oħroġ issa fil-Qasam; Alla miegħek.
Għallem, widdeb u wissi b'dik il-ħrara
li kellu wara d-Dawl l-Imgħallem tiegħek.

Ħobb fuq kollox il-Ħaqq u ħobb is-Sewwa:
inti kewbet is-safar ta' l-insara;
iddi bil-qawwa, imma iżjed bil-ħlewwa.

DUN KARM.

---

(*) Patri Frangisku M. Pisani O. E. S. A.

# VERBI BIL-*GĦ* FL-AĦĦAR U VERBI NEQSIN

Il-konsonanti *għ* billi aktarx ma tinħassx fit-tiswir tal-kelma (għad li tkun waħda mill-ittri tal-għerq tagħha) drabi iġġiegħel li jsiru ħafna għiltijiet fil-kitba tal-Malti. Xi verbi li l-*mamma* tagħhom inħossuha ta' żewġ konsonanti biss insibuha li jkollha *għ* fl aħħar. Iżda mhux dejjem, għax, bħalma tafu, verb b'żewġ konsonanti jista' jkun verb nieqes, jiġifieri b'*j* jew *w* siekta fl-aħħar Araw:

Iż-żewġ verbi *tafa'* u *tefa* għad li nħossuhom hekk mhumiex magħmula miż-żewġ konsonanti *t* u *f* biss; ta' l-ewwel għandha l-konsonanti *għ* bħala l-aħħar konsonanti: TaFaGĦ (ara *tafagħna*, *mitfugħ*) u l-oħra l-konsonanti dgħajfa *j*: TeFa(J) (ara: *tfejt*, *mitfi*): sura ta' verbi, li jissejħu *Neqsin* u *Dgħajfa*.

*Tafagħ* (tafa') hu verb sħiħ bl-aħħar konsonanti *għajn*.

*Tefa* hu verb nieqes.

Ġbart, bi ftit tas-sabar, wieħed wara l-ieħor il-verbi l-iżjed mexxejja ta' dawn iż-żewġ suriet, u issa sejjer inġibhom fir-rivista tagħna bit-tama li jkunu ta' għajnuna lil min irid jitgħallem billi jsibhom f'idejh meta jkun isawwar xi wieħed minn dawn il-verbi.

Fil-kolonna:

(a) issibu l-verb fis-sura ewlenija tiegħu.

(b) il-verb imnissel bli jtenni l-konsonanti tan-nofs tas-sura ewlenija (a).

(c) il-verb imnissel bli jtawwal l-ewwel vokali tas-sura ewlenija (a).

(d) il-verb imnissel bli jżid *n* fil-bidu tas-sura ewlenija (a).

(e) il-verb imnissel bli jżid *t* fil-bidu tas-sura mnissla (b), (c).

(f) il-verb imnissel bli jżid *t* wara l-ewwel konsonanti tas-sura ewlenija (a).

(g) il-verb imnissel bli jżid *st* mal-bidu tas-sura ta' l-Imperattiv.

F. S. CARUANA

FTAKAR li biex issib verb għandek tħares lejn il-*mamma* jiġifieri it-tielet persuna, ġens raġel, għadd wieħed tal-verb fl-imgħoddi.

# VERBI BIL-*GĦ* FL-AĦĦAR

| a | | b | c | d | e | f | g |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| BaLaGĦ | *to swallow* | ballagħ | | nbalagħ | | | |
| BaQaGĦ | *to remain* | | | | | | |
| BaŻaGĦ | *to fear* | bażżagħ | | | tbażżagħ | | |
| — | *to weep* | DaMMaGĦ | | | | | |
| FaQaGĦ | *to break* | faqqagħ | | nfaqagħ | tfaqqagħ | | |
| FoRoGĦ | *to (grow) empty* | ferragħ | | nforogħ | tferragħ | | |
| — | *to branch* | FeRRaGĦ | | | | | |
| ĠaMaGĦ | *to gather* | ġammagħ | | nġamagħ | tġammagħ | | |
| — | *to bear with* | ĠeRRaGĦ | | | tġerragħ | | |
| — | *to famish* | ĠeWWaGĦ | | | | | |
| LaQaGĦ | *to receive* | laqqagħ | | | tlaqqagħ | ltaqagħ | |
| MaNaGĦ | *to forbid* | | | | | | |
| — | *to flow of* | NiXXaGĦ | | | tnixxagħ | | |
| NaŻaGĦ | *to undress* | nażżagħ | | | tnażżagħ | ntażagħ | |
| QaLaGĦ | *to draw off*<br>*to gain* | qallagħ | | nqalagħ | tqallagħ | | |
| — | *to constrain* | QaNNaGĦ | | | tqannagħ | | |
| QaTaGĦ | *to cut* | qattagħ | | nqatagħ | tqattagħ | | |
| — | *to quadruplica-te* | RaBBaGĦ | | | | | |
| RaDaGĦ | *to suck* | raddagħ | | nradagħ | traddagħ | | |
| RaFaGĦ | *to raise* | | | | | rtafagħ | |
| RaĠaGĦ | *to return* | raġġagħ | | | traġġagħ | rtaġagħ | |
| — | *to patch* | RaQQaGĦ | | | traqqagħ | | |
| SaMaGĦ | *to hear* | sammagħ | | nsamagħ | tsammagħ | stamagħ | |
| SaTaGĦ | *to be able to* | | | | | | |
| TaBaGĦ | *to print* | tabbagħ | | ntebagħ | ttabbagħ | | |

| a | | b | c | d | e | f | g |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| TaFaGĦ | *to throw* | | | ntafagħ | | | |
| TaLaGĦ | *to go up* | tellagħ | | ntalagħ | ttallagħ | | |
| TaMaGĦ | *to feed* | temmagħ | | ntamagħ | | | |
| WaĠaGĦ | *to pain* | waġġagħ | | | twaġġagħ | | |
| WaQaGĦ | *to fall* | waqqagħ | | | twaqqagħ | | |
| WaSaGĦ | *to contain* | wassagħ | | | twassagħ | | |
| XaBaGĦ | *to be weary* | xabbagħ | | | txabbagħ | | |
| ŻeBaGĦ | *to dye* | żebbagħ | | nżebagħ | | | |
| ŻaRaGĦ | *to sow* | żarragħ | | nżaragħ | | | |

VERBI NEQSIN U DGĦAJFIN

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| — | *to mistake* | aRRa | | | | | |
| BeDa | *to begin* | | | nbeda | | | |
| BeKa | *to cry* | bekka | | nbeka | tbekka | | |
| BeNa | *to build* | | | nbena | | | |
| BeRa | *to look carefully* | | | | | | |
| — | *to exempt* | BaRRa | | | tbarra | | |
| BaTa | *to suffer* | | | | | | |
| — | *to conquer* | BaTTa | | | tbatta | | |
| — | *to lower* | BaXXa | | | tbaxxa | | |
| — | *to surrender* | | ĊieDa | | | | |
| — | *to cool* | | DieFa | | | | |
| DaGĦa | *to blaspheme* | | | | | | |
| DeHa | *to keep busy* | | | | | | |
| — | *to r ot* | DeNNa | | | | | |

| a | | b | c | d | e | f | g |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| DaRa | *to accustom* | darra | | ndara | tdarra | | |
| — | *to scatter* | DeRRa | | | tderra | | |
| DiWa | *to echo* | | | | | | |
| — | *to cure* | DeWWa | | | tdewwa | | |
| FaDa | *to trust* | | | | | | |
| FeDa | *to redeem* | | | nfeda | | | |
| FeLa | *to examine* | | | nfela | | | |
| — | *to become bankrupt* | FaLLa | | | | | |
| FeNa | *to consume* | | | nfena | | | |
| FeSa | *to fart* | | | nfesa | | | |
| — | *to grow hard* | | | | | | staĠNa |
| ĠaRa | *to happen* | | | | | | |
| ĠeRa | *to run* | ġerra | | | tġerra | | |
| — | *to load* | GĦaBBa | | | tgħabba | | |
| — | *to pass* | GĦaDDa | | | tgħadda | | |
| GĦeJa | *to tire* | għajja | | | | | |
| GĦeLa | *to boil* / *to grieve* | għalla | | | tgħalla | | |
| GĦoLa | *to raise* | għolla | | | tgħalla | | |
| GĦoLa | *to grow dear* | għalla | | | | | |
| GĦeMa | *to grow blind* | | | | | | |
| — | *to sing* | GĦaNNa | | | tgħanna | | |
| GĦeNa | *to enrich* | | | | | | stagħna |
| GĦeRa | *to be naked* | | | | | | |
| (GĦa)Ta | *to give* | | | ngħata | | | |
| — | *to cover* | GĦaTTa | | | tgħatta | | |
| GĦoXa | *to faint* | għaxxa | | | | | |

| a | | b | c | d | e | f | g |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| — | *to give supper* | GĦaXXa | | | tgħaxxa | | |
| GĦeWa | *to instigate* | għawwa | | ngħewa | tgħawwa | | |
| HeDa | *to be quiet* | | | | | | |
| — | *to make ready* | HeJJa | | | thejja | | |
| — | *to console* | HeNNa | | | thenna | | |
| — | *to corrupt* | HeRRa | | | therra | | |
| ĦeBa | *to hide* | | | nħeba | | | staħba |
| ĦeFa | *to be barefooted* | | | | | | |
| ĦeJa | *to refresh* | | | nħeja | | | staħja |
| ĦeLa | *to waist* | | | nħela | | | |
| ĦoLa | *to grow sweet* | | | | | | |
| — | *to leave* | ĦaLLa | | | tħalla | | |
| ĦeMa | *to bake* | | | nħema | | | |
| ĦaRa | *to void* | ħarra | | | | | |
| ĦaTa | *to trespass* | | | | | | |
| ĦeWa | *to rarify* | | | nħewa | | | |
| ĦeXa | *to fill* | | | nħexa | | | |
| — | *to shine* | iDDa | | | | | |
| — | *to render* | iŻŻa | | | | | |
| — | *to send away* | KeĊĊa | | | tkeċċa | | |
| KeRa | *to hire* | | | nkera | | | |
| — | *to be injured* | KoRRa | | | | | |
| KeSa | *to cover* | | | nkesa | | | |
| KeWa | *to become red hot* | | | nkewa | | | |
| — | *to delay* | | | | tLaJJa | | |
| LaMa | *to shine* | | | | | | |
| LeWa | *to turn* | | | | | ltewa | |
| MeLa | *to fill* | | | | | mtela | |

| a | | b | c | d | e | f | g |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| — | *to contradict* | | MieRa | | tmiera | | |
| MeXa | *to walk* | mexxa | | | tmexxa | | |
| — | *to moisten* | NiDDa | | | tnidda | | |
| — | *to publish* | | NieDa | | tnieda | | |
| NaGĦa | *to howl* | | niegħa | | tniegħa | | |
| — | *to take away* | NeĦĦa | | | tneħħa | | |
| NeKa | *to treat dispite-* | | | | | | |
| NaQa | *to cleanse[fully* | naqqa | | | tnaqqa | | |
| NeSa | *to forget* | nissa | | | tnissa | ntesa | |
| — | *to be quits* | PaTTa | | | tpatta | | |
| — | *to content* | PaXXa | | | tpaxxa | | |
| QeDa | *to serve* | | | nqeda | | | |
| QeLa | *to frey* | qalla | | nqela | tqalla | | |
| — | *to constrain* | QaNNa | | | tqanna | | |
| QaQa | *to cry like a* | | | | | | |
| QaRa | *to read [hen* | qarra | | nqara | | | |
| — | *to ask* | | | | | | staQSa |
| — | *to fatten* | QaWWa | | | tqawwa | | |
| — | *to bring up* | RaBBa | | | trabba | | |
| RaGĦa | *to graze* | | | | | | |
| RaGĦa | *to lather* | | | | | | |
| ReĦa | *to let go* | | | | | rteħa | |
| RaMa | *to furnish* | | | | | rtama | |
| ReMa | *to throw* | | | | | rtema | |
| ReQa | *to cure jaun- dice* | | | | | | |
| SiBa | *to ruin* | | | | | | |

| a | | b | c | d | e | f | g |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| SaFa | *to be reduced* | saffa | | nsafa | tsaffa | | |
| SaĦa | *to grow fair* | | | | | | |
| — | *to be ashamed* | | | | | StaĦa | |
| SeĦa | *to distract* | | | | | | |
| — | *to pray* | SaLLa | | | | | |
| — | *to greet* | SeLLa | | | | | |
| — | *to name* | SeMMa | | | | | |
| — | *to expect* | | | | | | steNNa |
| SaQa | *to water* | saqqa | | | tsaqqa | | |
| SeWa | *to cost* | | | | | | |
| — | *to righten* | SeWWa | | | tsewwa | | |
| TaFa | *to quench* / *to estinguish* | taffa | | ntafa | ttaffa | | |
| TaMa | *to hope* | tamma | | | ttamma | | |
| TeNa | *to fold* | tenna | | ntena | | | |
| — | *to soften* | TaRRa | | | | | |
| TeWa | *to fold* | | | ntewa | | | |
| — | *to palm off* | WiKKa | | | | | |
| — | *to cede* | WeLLa | | | | | |
| WeRa | *to show* | | | nwera | | | |
| — | *to admonish* | WiSSa | | | | | |
| — | *to plain* | WiTTa | wieta | | | | |
| XeLa | *to accuse* | | | nxela | | | |
| XeNa | *do* | | | nxena | | | |
| — | *to buy* | | | | | XtaRa | |
| XeWa | *to toast* | | | nxewa | | xtewa | |
| ŻeNa | *to act impurely* | | | | | | |

# MHUX DEJJEM TIĠI ŻEWĠ

Nafu lil Bobby. Meta kien żgħir, b'Bertu konna nafuh, imma dam żmien ma' wieħed Ingliż li kien jilgħab fit-tijatru Rjal, kien igħid li hu saħħar, iġiegħlek tieħu karta mill-mazz u jgħidlek x'kienet malli teħodha f'idek, joħroġ ħames qasab żagarella minn ħalqu, iġib fenek jew papra minn kappell li jissellef minn għand in-nies, idaħħal tifel f'kaxxa, igħattiha, jispara pistola u t-tifel ma jinsabx aktar, jifqa' bajda quddiemek u jsib fiha arloġġ tal-but li ħadu minn għand wieħed bil-qiegħda quddiemu, u praspar bħal dawn.

Ara l-lum u ara għada, Bobby tgħallem jitliegħeb hu wkoll u meta l-Ingliż siefer baqa' jħabbat moħħu, u meta kienu jistidnuh x'imkien ifittex jagħmel xi ċajta minn dawk li kien tgħallem minn għand l-imgħallem Ingliż. Żmien wara kien daħal forman ma' l-Inġinieri u billi raġel tax-xogħol u tal-ħsieb kien miġjub minn sħabu u mill-fizzjali tiegħu.

Naf lil sieħbu Franki li ftit ilu qalli biċċa ħelwa wisq li ġrat quddiemu.

Kienu darba qegħdin igħaddu gumna ta' l-elettriku lejn il-fortizza ta' Benġemma u biex ifittxu jħaffru trinka bil-ħeffa qabbdu ħafna nies, għax ix-xogħol kellu jsir mill-aktar fis.

Fil-għaxija n-nies kienu jitilqu lejn darhom iżda dawk li kienu jgħammru l-bogħod kienu jħalluhom jorqdu fit-tined biex fil-għodu jisbħu għax-xogħol kmieni.

Qabel jorqdu, kienun-nies ta' l-Inġinier jinġabru jpejpu madwar it-tinda u jgħidu xi ħlieqa qabel ma jeħodhom in-ngħas.

Darba dan l-imbierek ta' Bobby sejjaħ ġuvnott mill-Baħrija, Ġamri tas-Santi, li kien ilu jberraq għajnejh lejh meta semgħu jgħid xi ħlieqa u ġagħlu jibrek ma' ġenbu u beda jbagħbaslu f'xagħru li kien imtappan donnu suf ta' nagħġa kollha għoqod tal-kagħbur.

"Hawn x'għandek?" qallu. "Dan fejn irqadt il-bieraħ?"

"X'ġara?" staqsa t-tifel.

"Arax f'din it-troffa xgħar għandek il-flus" — u wrieh bejn subgħajh xelin tal-fidda jleqq, ġdid fjamant.

"Dal-flus kif?" qal Ġamri.

"Flus ġodda wkoll, hawn għandek ieħor, u wrihulu u tefgħu fil-but.

Ġamri qabad irodd is-salib u ta' madwaru jidħku u jħabbtu idejhom.

"Hawn għandek flus bir-radam". Kompla Bobby. "Kollha weħlu f'xagħrek, imbierek l-int", u ġieb f'idu xelin ieħor u ieħor, sa ma laqqat mal-għaxar xelini li beda jċekċek fil-but tas-sidrija.

Ġamri tbikkem u qabiżlu d-dmugħ jara dawk ix-xelini kollha ħerġin minn xagħru, imma mdawwar ma' dawk in-nies kollha ma tahx li jara kif jiġbor imqar tnejn minn dawk ix-xelini jleqqu daqs mera.

Daħk, ċapċip ta' l-idejn, xi ħadd qal: "magħmula tiegħek Ġamri! aħjar twarrab li ma jagħmillek xi ħaġa tas-sħarijiet .....

Fl-aħħar sar il-ħin u kulħadd inġabar jorqod.

Fil-għodu meta ġie kulħadd għax-xogħol, Ġamri tal-Baħrija ma deherx.

Ħadd ma ħadha bi kbira, imma għall-ħabta tal-għaxra mat-trieq raw ġej lil Ġamri pass wara missieru,raġel daqs ġolf, bil-kmiem imxammra donnu mħejji għall-ġlied, b'subgħajh fil-keffa tas-sidrija taħt abtejh.

"Fejn hu s-sur Bobby?" staqsa l-ewwel manwiel li sab "xtaqt inkellmu."

Hemm, qalulu, ħiereġ mit-tinda, dak ta' l-elmu f'rasu.

Resaq tal-Baħrija—"Int is-sur Bobby?"

"Jien kolli kemm jien—Kif kien ġie tard it-tifel?"

"Għax ridt niġi miegħu," wieġeb, "ġejt biex nara niġborx dawk il-flus li l-bieraħ bil-lejl ħadt minn għand ibni."

"Xi flus huma?" u ntebaħ fil-mument biex kien ġej. "Eh, dawk il-flus taċ-ċajta li għamilt?"

"Ċajta sabiħa, il-flus ħadthom minn ras ibni u tfajthom f'butek. Hekk kulħadd jaf jiċċajta."

"Ma tarax li kienet ħlieqa dik. Staqsi lil min kien madwarna, huwa ibnek kellu l-flus f'xagħru?"

"Li kellu flus, kellu għax rahom kulħadd u l-flus ġbarthom int u jien irridhom għax dan igħidulu serq."

"Tridx ma tgħajjatx, għax m'aħniex uħudna u issa waqt ix-xogħol."

"Ingħajjat irrid u jien ġejt għal ħwejġi u jekk ma ttinix

flusi kemm hawn nies mir-raħal inġagħalhom jitilqu dal-waqt għax dawn ma ġewx biex iħallu min jisraqhom."

Hawn resaq il-fizzjal tal-għassa għax bdiet tinġama' n-nies u staqsa x'kien ġara.

Meta Bobby fehmu x'ried il-ġorf tal-Baħrija l-fizzjal inqasam bid-daħk imma fl-istess ħin qal taħt ilsien lil Bobby:

"Il-ħaġa twalet u jekk dal-faħal ixewwex in-nies nieqfu mix-xogħol u nitwegħru. Oħroġ bil-qalb it-tajba dawk il-għaxar xelini u eħles minn din it-tabxa u, isma' minni, iċċajta ma' min jifhmek darb'oħra."

Bobby xtaq l-art tibilgħu imma ra li ma satax joħroġ aħjar mill-biċċa. Ma hemmx bżonn ingħid li ma żiedx juri għerfu ma' nies li ma jistax jafda ruħu magħhom.

U la Ġamri u lanqas missieru ma resqu aktar fuq ix-xogħol ta' Binġemma. Għax naħseb li ntebħu t-tnejn li l-ħallelin kienu huma u li flus fix-xgħar tar-ras ma jinbtux.

T. Z.

# IL-BANDIERA TAGĦNA

Rajtek fir-riħ ta' Lvant tperper miftuħa
fil-għoli, waħdek, fuq il-bejt ta' dârna
fil-ħin li x-xemx kienet tisreġ ma' dwarna
donnok trid tgħid: "Minn ħadd ma kont mirbuħa."

Kienet kemm kienet ħarxa kull taqbida
ma kont mirbuħa qatt, ħelwa bandiera:
taħt id-dell tiegħek qatt ma konna lsiera,
Ommna ma kellha qatt ktajjen ma' idha.

L-abjad u l-aħmar li b'sensila sħiħa
flimkien imgħaqqda, f'bewsa l-aktar sħuna,
is-sliem ta' l-omm kull żmien, kull ħin jagħtuna
qalbna jimlew bil-hena, għax sabiħa

il-ġrajja tiegħek kollha, ma' l-egħdewwa
mal-ħbieb u ma' kulħadd bla skiet itennu,
fil-ħin li dejjem iżjed lilna jhennu
u jkattru l-ġieħ ma' dawk ta' barra-w-ġewwa.

Mons. Gauci

# MIKIEL ANTON VASSALLI

*(Jorbot ma' l-Għadd ta' Ġunju paġ. 61)*

Ma' tul l-amministrazzjoni ta' Maitland, li dam Gvernatur mill-1813 sa l-1824, il-bixra ta' Gvern li kien magħmul fuq id-drawwiet ta' mijiet ta' snin qabel, tbiddlet u ssawret fuq dik ta' l-Ingilterra u ta' dawk iż-żminijiet, fost kollox sar tibdil fil-Qrati u fil-kummerċ li sar libru, l-iktar għall-qmuħ. L-Ingliż daħal bħala lsien uffiċjali fl-amministrazzjoni tal-Gvern.

It-tagħlim nistgħu ngħidu li raġa' ħa r-ruħ u bil-mod il-mod għal l-ulied il-poplu bdiet tinfetħilhom xi skola ċkejkna.

Hawnhekk jaqbel insemmu l-ewwel kotba li bdew isiru għal dan it-tagħlim. L-ewwel li niltaqgħu magħhom huma dawk ta' Vella u Montebello Pulis. Wieħed jismu *Chtieb il-Kari Yau Dahla 'al ilsien Malti* (1824) u l-ieħor l-*Oblighi tal Bniedem* (1826) tal-Patri F. Soave, kif jidher maqlub bil-Malti għal l-Iskola (Kulleġġ) ta' Għawdex.

Iżda, barra minn dan, ma jidhirx illi bil-Malti kien isir ebda tagħlim ħlief id-Dutrina fil-knejjes u tagħlim ieħor religjuż bi prietki. Jingħad illi madwar l-1820 ċertu Reverend Ingliż (Rev: Keeling) kien fetaħ skola, il-Belt, li għal xi żmien kien fiha minn mija sa mitejn u tletin tifel, subien u bniet, li kienu jitgħallmu l-Malti, l-aritmetika u xi ftit Ingliż. Xi nisa Ingliżi kellhom f'idejhom ukoll skola tal-bniet miżmuma bil-għbir fost in-nies għonja tal-gżira, il-biċċa l-kbira Ingliżi, iżda fiha ma sabux min igħallem. Fost xi Ingliżi li jħobbu jgħallmu lil poplu kien hemm xi ħadd li twebbel biex igħallem liż-żgħażagħ Maltin xi bidu ta' xjenzi, fosthom il-Geometrija, iżda qata' qalbu għax ra li l-lsien Malti ma kienx għadu mħarreġ biżżejjed għal dan it-tagħlim.

Fost il-kotba bil-Malti li sa dak iż-żmien kienu dehru, barra dawk ta' Vassalli, u dawk li semmejna, kien hemm il-grammatka *(NuovaScuola della Lingua Punica*-1750) ta'Agius De Soldanis u l-Vanġelu ta' San Ġwann maqlub għal Malti minn ċertu Peppu Marino Canolo (1822) li fuqu nitħaddtu iżjed il quddiem. Wara żmien imbagħad dehru xi kotba tal-qari maħruġin mix-Xirka Missjunarja tal-*Wesleyans* għal l-iskejjel tagħhom miġjubin bil-Malti mill-Ingliż mit-Tabib Cleardo A. Naudi—fihom bċejjeċ meħudin mill-Katekismu ta' Fleury u tagħrif ċkejken minn fuq il-Għaqda l-Ġdida u ħwejjeġ oħra reliġjużi, stejjer eċċ. Wara, imbagħad, nibtet il-Grammatka Maltija bl-Ingliż ta' Francis Vella, (1831) magħ-

mula għal dawk l-Ingliżi li jridu jitgħallmu l-Malti, u bosta żmien wara il-kotba tax-*Xirka għall-progress tat-Tagħlim Nisrani* (1836-45), fosthom Grammatka Maltija ċkejkna bl-Ingliż u bidu ta' Grammatka Ingliża u xi kotba tal-Qari Malti-Ingliż. Għal din il-ħabta dehru wkoll xi Inni Mqaddsa tal-qassis Mifsud Tommasi.

Iżda, fost dawn kollha l-iżjed li fost il-poplu mxew fl-idejn kienu d-Dutrina jew Tagħlim Nisrani u mbagħad xi ftit mill-Inni li kien beda jikteb il-qassis Mifsud Tommasi.

Qabel dan iż-żmien il-Malti qatt ma kien ġie mgħallem u iktarx li ftit jew xejn ma kien jinqara mill-poplu, il-għaliex il-fehma fost dawk li kienu jmexxu l-gvern u t-tagħlim tal-poplu kienet illi l-Malti huwa fdal tal-Isien għarbi, jiġifieri ta' nies barranin għal maltin mid-demm u mid-dîn, nies illi l-ħakma tagħhom f'Malta ħalliet tifkiriet ftit u xejn koroh, għalkemm fuqhom ma nistgħu ngħidu xejn ħlief li fi żmienhom kienu dik il-ħabta l-aqwa nies fil-Mediterran. Għalhekk l-iktar fehma li ħassret il-ħsieb li l-Malti jidħol fit-tagħlim tal-poplu kienet dik illi l-Malti, bħala fergħa ta' Isien Semitiku, ma sata' qatt jimxi 'l quddiem fit-tagħlim meħtieġ min-nies li qiegħda tgħammar fi gżejjer li għandhom x'jaqsmu ma' nazzjonijiet Ewropej. Għal dak li hu kummerċ u rabtiet oħra ma' nies barranin, u għal dak li hi amministrazzjoni tal-pajjiż il-Gvernijiet ta' qabel l-Ingliżi f'Malta qatt ma dehrilhom li l-Malti jista' jiswa. Għalhekk, fuq kollox ta' kollox, naraw illi fi żmien l-Ordni, biex ma mmorrux iżjed il-bogħod, u għal l-ewwel żmenijiet ta' l-Ingliżi, il-Isien Malti dejjem baqa' barra bil-bibien ta' l-iskejjel jew Istituti, sew privati kemm pubbliċi, u floku daħal it-Taljan mal-Latin li kien ilu minn żmien bikri, bħala Isien tal-qrati, fl-attijeit, fil-Kurja u fl-amministrazzjoni ċivili, sakemm fi żmien Rohan (1775), twettaq it-tagħlim tat-Taljan u l-użu tiegħu fl-attijiet tal-Ġustizzja u tan-nutari. (1) Hawnhekk għalhekk it-tagħlim tal-poplu ħa bixra oħra ġdida sabiex, kif inħaseb dik il-ħabta, biha l-poplu Malti sata' jimxi ma' dak li bi dmir kien jitlob minnu il-Ħaqq taħt is-setgħa ta' l-Ordni; u fejn dehrilhom illi bih il-Isien Malti ma setgħux jaslu, inqdew b'dak il-Isien li, skond il-fehma tagħhom, kien l-iktar li jaqbel għal mad-drawwiet tal-poplu Malti u ma' dawk ta' l-Ordni.

(1) Iżda, kif dlonk naraw minn xi dokumenti fuk l-istess Vassalli l-użu tal-latin (flok it-taljan) jinsab f'xi sentenzi tal-Qorti Kapitanali u fid-deċizjonijiet tal-Gvern (1800)

Għalhekk infetħu xi skejjel fejn iż-żgħażagħ setgħu jitgħallmu il-liġijiet tal-pajjiż, u għalhekk it-taljan, minn dak iż-żmien sakemm għadda ftit taż-żmien wara l-1800 baqa' dejjem waħdu flimkien mal-latin. Dawn l-iskejjel, imsejħin Normali, kienu, waħda l-Belt u l-oħra l-Isla. Minn dawn imbagħad tnisslu l-Iskejjel Primarji u fl-aħħar l-Elementari u s-Sekondarji tal-Gvern.

Dan it-tagħlim kien seħħ ukoll fl-Iskola tad-Dar Industrjali tal-Bniet (il-*Conservatorio*, fil-Bini fejn il-lum hemm l-Isptar Ċentrali) u f'xi skejjel ta' l-irħula bħala fergħat ta' l-Iskola Normali tal-Belt. Iżda dawn l-iskejjel ta' l-aħħar, bil-ftit il-ftit, marru fix-xejn.

Dwar l-1838, il-Gvern beda biex jaħseb idaħħal il-Malti *bħala mezz ta' tagħlim* għal l-Ingliż jew Taljan. Dan il-ħsieb ma ngħoġobx minn xi nies li jifhmu fit-tagħlim tat-tfal għax dehrilhom li t-tfal l-ewwel ħwejjeġ li għandhom *jitgħallmu huwa lsien pajjiżhom għalih*, imbagħad jibqgħu mexjin biex bih jitgħallmu ħwejjeġ oħra.

Il-tagħlim fl-Università illi minn żmien Pinto (1769) sakemm l-Ordni telqet minn Malta baqa' dejjem isir fuq dak li kien isir fl-aħjar Universitajjiet l-oħra ta' l-Ewropa, wara l-1800 kien reġa' twaqqaf, għalkemm fi żmien il-Franċiżi, bittibdil li kien se jsir fis-sistema tat-tagħlim, l-Università tneħħiet u flokha kienet se' tinħoloq skola Ċentrali fejn kellu jsir tagħlim fix-xjenzi u ilsna orjentali.

Ball fit-28 ta' Ottubru, 1800 ħatar lill-Kanonku 'Franġisku Saverju Caruana (il-Ġeneral Kmandant tal-Battaljun Malti fi żmien l-Imblokk) bħala Direttur tat-Tagħlim Pubbliku. Barra mill-Filosofija, Matematika, Fisika, Liġi, Mediċina, Teoloġija, disinn eċċ. kien hemm it-tagħlim tal-Latin u tat-Taljan. It-tagħlim ta' l-Ingliż inbeda fl-1803.

In-nies ta' l-aħħar żmenijiet ta' l-Ordni u ta' żmien il-Franċiżi, li iktarx Vassalli kellu jarġa' jħabbat wiċċu magħhom, ma naħsibx li kienu ftit; fosthom ta' min isemmi lill-Kanonku F. S. Caruana, lil Ċensu Borg "Braret" u, wara żmien, lil Doublet.

Caruana, bniedem rgħibi u mimli bix-xewqa ta' kburija, biex igħaddi 'l quddiem, wara dak kollu li kien għamel għall-Kuruna Ingliża f'Malta, stenna dejjem li l-Ingilterra tippremjah u tgħinu, iżda meta fl-1807 l-Isqof Labini miet, għad li l-Ingilterra tħabtet biex floku jilħaq Caruana, ir-Re Ferdinandu III ta' Sqallija ma riedx jati l-kunsens tiegħu, għax, milli jidher, Caruana ma kien wera ebda ħajra sabiex Malta

tingħaqad mas-Saltna ta' Sqallija, iżda ħadem biex l-Ingliżi jibqgħu jżommu lil Malta, u din ir-Re ta' Sqallija refagħha f'qalbu; jew il-għaliex, kif jaħsbu wkoll, l-imgħoddi ta' Caruana, (li minn Membru tal-Kumissjoni tal-Gvern Franċiż sar, imbagħad, l-akbar għadu tal-Franċiżi favur l-Ingliżi), ma sata' qatt jogħġob lir-Re Ferdinandu, għajnu mimlija bil-ġibda tal-Maltin lejn il-Kuruna ta' Sqallija.

Fl-1822, Caruana sar arċidjaknu tal-Katidral u ħalla minn Rettur ta' l-Università. Ir-Re ta' Sqallija u Napli sal-1814 kien għad għandu d-dritt tas-Saltna ewlenija fuq Malta bil-jedd li l-ħatra ta' l-Isqof ta' Malta ssir bil-wetqa tiegħu, billi d-Djoċesi ta' Malta kienet tagħmel mas-Sedi Metropolitana ta' Palermu. Dan il-jedd, iżda, spieda ma kif Malta waqgħet għas-seħħ taħt il-Kuruua Ingliża. Għalhekk, wara l-mewt ta' l-Isqof Mattei (1829) il-Gvern Ingliż iċċama lil Caruana biex isir Isqof u l-Vatikan wettaq ix-xewqa tal-Kuruna Ingliża, fil-waqt li l-Papa Gregorju XVI. fil-20 ta' Ġunju 1831, iddeċieda illi l-Knisja u l-Isqof ta' Malta jinfirdu minn dik ta' Palermo u ma jkollhomx x'jaqsmu ħlief mas-Sedi Rumana.

Meta Caruana fil-1831 laħaq Isqof, Vassalli kien diġà taħt it-trab.

Milli jidher Caruana, għalkemm Żebbuġi bħal Vassalli, miegħu ma tantx kien jaqbel; bejniethom kien hemm xi imma, u għalhekk wara li raġa' lejn Malta, Vassalli iktarx ra iżjed deni milli ġid minn dan il-persunaġġ għoli u li dik il-ħabta kien wieħed min-nies setgħanin tal-Gżira.

Personaġġ ieħor li, kif għedna, Vassalli ħabbat wiċċu miegħu kien il-qalbieni Ċensu Borg, imlaqqam "Braret", sieħeb Caruana fi żmien u wara l-Imblokk. Dan il-bniedem, b'riħet il-ħidma li ħadem għal pajjiżu u għall-Bandiera Ingliża, baqa' jindeħes fil-pulitka u t-tmixxija tal-pajjiż, laħaq Lugtnent ta' Birkirkara u spiċċa biex fi Frar ta' l-1833 il-Gvern Ingliż għamlu Kavalier ta' l-Ordni ta' San Mikiel u San Ġorġ. Miet ta' 64 sena f'Awissu ta' l-1837 u difnuh fil-Knisja ta' Birkirkara.

*(Jissokta)* A. C.

# IL-ĦALLIEL TAL-MEJTIN

*(Ġrajja ta' żmien il-Gwerra l-Kbira)*

"Hemm arah," għajjat b'leħen maħnuq is-Surġent.

Malli qal hekk wera b'sebgħu l-werrej lil wieħed kapural li, fil-leħħ tad-dawl tal-kanuni, kien jidher mixħut fuq mejjet qiegħed ifittixlu fi bwietu.

"Iskot," wieġbu l-Kaptan, "la tgħollix leħnek... Naraw sewwa minn hu."

It-taqbida kienet fl-eqqel tagħha u l-balal kienu jintefgħu sfiq u b'ħeffa l-aktar kbira Għajjât, twerżiq, tnehid, dmija. Żgħażagħ, fir-rebbiegħa ta' ħajjithom, maħsudin, ħabta u sabta minn dina l-art.

"Għaraftu," qal is-Surġent lill-Kaptan tiegħu li kienu qegħdin ġe' fondoq jiflu lil dawk it-tnejn min-nies: lill-mejjet u lil dak li beda jfittixlu. "Għaraftu! Dak hu l-Kapural S..."

U malli semma dana l-isem, il-Kapural stabat minn tulu fl-art, jokrob, b'ittra f'idu, milqut minn balla tal-għadu.

Il-Kaptan u s-Surġent telgħu minnufih ħdejh. Il-mejjet ġie magħruf malajr minnhom: kien il-Fizzjal B.

"Int, il-qalbieni Kapural S.... li għandek sidrek imżejjen b'dawk il-midalji, tisraq lill-mejtin sħabek!" ċanfru l-Kaptan waqt li amar li jiġi meħud biex jiddewwa.

"Kaptan..." temtem il-midrub, xħin donnu ried jistqarr xi ħaġa li weħlitlu fi griżmejh.

It-tabib ma tahx aktar minn nofs siegħa ħajja. Id-demm kien ħiereġ minn għonqu bħal gelgul.

"Kaptan, nixtieq inkellmek rasi u rasek," talab il-Kapural wara li ġie mdewwi.

B'xejra ta' rasu, il-Kaptan ġiegħel lil ta' madwaru biex iwarrbu.

"Kaptan, jien ftit baqagħli ħajja,.. naħliflek li sejjer nistqarrlek is-sewwa. Il-Fizzjal B..., li inti qbadtni nfittex fi ħwejġu, kien iħobb lil dik li kont inħobb jien. Il-bieraħ waslitlu ittra li jiena ħsibt li kienet mibgħuta lilu minn...

Ma felaħx jissokta. Sidru beda tiela' u nieżel bħal minfaħ. Il-Kaptan wieżnu minn taħt kitfejh u qegħdlu rasu fil-għoli.

"Mita rajt lill-Fizzjal B..., mejjet, fraħt u nxħett fuqu biex nara jekk dik l-ittra kinetx għandu.... u sibtha.... iżda fil-ħin kont midrub.

Il-Kapural S.... ħareġ l-ittra, taha lill-Kaptan u, miklub mill-kurżità u l-għira, talbu jaqrahielu.

"Id-dawl qed iħallini... m'jiniex nara ħlief ċpar... Kaptan, nitolbok, għidli ta' min hi dik l-ittra."

Wara li fela b'għajnejh kulma kien hemm miktub, il-Kaptan wieġbu:

"Din l-ittra hija miktuba minn idejn omm il-Fizzjal B.... li talbet l-aħbarijiet tiegħu..."

"Tassew?!" staqsa b'għajnejh ileqqu bil-ferħ u b'nifsu maqtugħ. "Tassew?"

"Oqgħod fuq kelmti."

U wara li ċaqlaq xofftejh għal tbissima, il-Kapural telaq rasu bis-sabta, ħa nifs twil u miet.

Il-Kaptan ma kienx qal is-sewwa; huwa deherlu li ma kellux iweġġa' qalb bniedem li kien wasal fi tmiem ħajtu: dik l-Ittra kienet miktuba lill-Fizzjal B.... mix-xbejba li kien iħobb il-Kapural S... u li miegħu kienet intrabtet qabel ma telaq għat-taqbid.

N. Biancardi

# JIXRAQ ĦAFNA LI TISPIĊĊA

Iva, jixraq ħafna li tispiċċa din il-fehma li għandna, hawn Malta, illi bil-malti jista' kulħadd jikteb kif irid u jkun kiteb tajjeb. Din il-ħaġa ma saret qatt fl-ebda naħa tad-dinja, u ma kienx imissha saret f' pajjiżna. Qatt ma nsama' illi wiħed taljan, jew franċiż, jew ingliż, jew li trid, għamel f'rasu li jikteb u joħroġ ktieb biex igħid xi ħaġa lill-pajżani tiegħu, u qabel ma medd għonqu għall-kitba ma ntafax, għallinqas xi ftit, għall-istudju tal-lsien li fih ried imedd il-ktieb tiegħu. Għaliex, ingħiduha kif inhi, trid tkun ras ftit u xejn battala biex ma tifhemx illi jekk il-ħsieb hu l-materja ta' kull kitba, il-lsien hu l-għodda; u li mingħajr dawn iż-żewġ ħwejjeġ flimkien ma tista' qatt tagħti ħaġa tajba.

Kieku dan kien isir biss f'xi artikoli ta' ġurnali politiki fejn wieħed jista' jaħseb illi l-fehma tal-kittieb hi li jgħid xi ħaġa għal dik il-ħabta biss, u jkun biż-żejjed li l-qarrej bi ftit tal-għaqal jaqbad dak li jridu jfehmuh u mbagħad jaqbad il-ġurnal u jwaddbu f'rokna, kien wieħed jista', kif igħidu, jagħlaq għajn waħda; iżda meta dan isir minn kittieba li għandek taħsibhom għaqlin, u jsir f'kotba ta' erba' jew ħames-mitt-faċċata, u maħsubin biex jibqgħu għal dejjem, ma jtikx li ma tgħidx xi ħaġa.

Issa l-ħelu qiegħed hawn: staqsi lil xi wieħed minn dawn il-kittieba: "Għaliex jaħasra tikteb hekk ħażin bil-malti, fil-waqt illi bi ftit ta' l-istudju u bi ftit tal-għaqal u tas-sabar, tista' tikteb tajjeb u tagħmel ħaġa sabiħa, ħaġa artistika?" Dan il-flien tisimgħu jwieġeb: U... għax jiena rrid nagħmel ftit tal-ġid biss; ma noqgħodx infittex irqaqat fil-kitba.

U ma jifhemx dan il-ħali illi jkun qiegħed igħid ħaġa belha. Għaliex jekk il-qarrej ikun hekk kajman li ma jagħmel ebda divrenzja bejn ħaġa kergħa u ħaġa sabiħa, bejn ħaġa tajba u ħaġa ħażina, ma jista' jieħu ebda ġid

minn dak il-ktieb, u aktarx jibqa' fejn ikun: l-iżjed, l-iżjed ikun għadda, jew tilef, siegħa żmien jaqra; fil-waqt illi jekk il-qarrej jinzerta minn dawk li għandhom ftit tad-dehen u ġibda għall-Arti, malli jaqra l-ewwel erba' faċċati jiddejjaq, iwaddab il-ktieb f'rokna u flok ġid il-ktieb ma jagħmillux ħlief dwejjaq.

Kollu ċajt: is-sabiħ jingħoġob aktar; u ktieb sabiħ flok darba jinkara darbtejn u iżjed, u jagħmel ġid mhux lil nisel wieħed, iżda lil bosta.

"Nazju Ellul" ta' Ġużè Muscat Azzopardi jaqrah kull-ħadd, sew min jaf bil-malti biss, u sew min jaf b' ħafna ilsna, għaliex miktub tajjeb. Hawn xi poeżijiet maltin li inqraw minn kull klassi ta' nies, u mhux hawn Malta biss, iżda fl-Ingilterra, fi Franza, fil-Ġermanja u fl-Orjent u nqalbu f' ilsna oħra minn nies letterati li tellgħuhom mogħla s-sema bit-tifħir.

Min jaħseb li jista' jagħmel il-ġid, (nifhem ġid tar-ruħ u tal-ġisem) b'kotba miktuba ħażin jidher jew li ma għandux dehen biż-żejjed, inkella li ma għandux sabar jistudja ftit il-ilsien tiegħu.

Għalhekk din il-għada ħażina u din il-fehma mgħawġa li bil-malti tista' tikteb kif trid, jixraq ħafna li tispiċċa.

DUN KARM

# KOTBA U RIVISTI STAMPATI BL-ORTOGRAFIJA U L-ALFABET TAL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI.

## GRAMMATKA U ORTOGRAFIJA

1924 *Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* pp 132 Stamperija tal-Gvern.
1928 G. VASSALLO *L'Ortografia Maltese* pp 82 Empire Press.
1932 F. S. CARUANA *Grammatka u Ortografija tal-Malti fil-qosor* pp 20 Empire Press.
1934 F. S. CARUANA *Grammatka u Ortografija tal-Malti fil-qosor* pp 20 Empire Press.

## RIVISTI

IL-MALTI kull tliet xhur 1925-
IL-QARI MALTI (Port Said) 1928-30.
LEHEN IL-MALTI kull xahar 1931-
MELITA AGRICOLA 1934-

## KOTBA OĦRA

1922 F. S. CARUANA *Sta. Barbara V. M.* pp 8. Tip. Chrétien.
1924 PARR. SAC. CARLO CORTIS M.A.,D.D., *Ruth* pp LIX Tip. Giov. Muscat.
1925 A. CREMONA *Xinhu l-Malti Safi* pp 36 Empire Press.
1925 TEM. ZAMMIT *Il-Għejjer ta' Malta u l-Grajja tagħhom* pp 167 Empire Press.
1926 E. B. VELLA *Ħaż-Żabbar bil-Ġrajja tiegħu* pp 88 Empire Press.
1927 ĠUŻÈ BONNICI *Imħabba u mibegħda* pp 64 Empire Press.
1927 DUN KARM *Tifkira ta' l-Assedju l-Kbir* pp 16 Empire Press.
1927 E. B. Vella *Storja taż-Żejtun u Marsaxlokk* pp 147 Empire Press.

1928 G. Galea *Il-Knisja ta' Ħal-Qormi* pp 26 Dar ta' S. Ġużepp.
1929 Dun P. P. Saydon *Ktieb il-Ġenesi* pp 85 xv Empire Press.
1930 E. B. Vella *Storja tal-Mosta bil-Knisja tagħha* pp 232 iv Empire Press.
1930 Dun P. P. Saydon *Ktieb l-Eżodu* pp 72 viii Empire Press.
1930 T. Z. *Tas-Sliema u San Ġiljan* pp 40 Empire Press.
1930 G. Galea *Storja qasira ta' S. M. Ordni Kostantinjan ta' S. Ġorġ* pp 36 Ant. Ellul.
1930 Dun P. P. Saydon *Il-Malti u l-Ilsna semin* pp 36 Tip. Giov. Muscat.
1930 E. B. Vella *Tifkira ta' l-Assedju l-Kbir* pp 22 Empire Press.
1930 Dun P. P. Saydon *Ktieb il-Levîtku* pp 50 vi Empire Press.
1931 Ros. Briffa Ph. C. *Tifkira ta' l-Assèdju l-Kbira* pp 22 Empire Press.
1931 Dun P. P. Saydon *Ktieb in-Numri* pp 65 VI Empire Press.
1931 Dun P. P. Saydon *Ktieb id-Dewteronomju* pp 60 VI Empire Press.
1931 Dun P. P. Saydon *Tifsir il-Kliem* pp 17 Empire Press.
1931 do *Ktieb Ġożwè* pp 41, VI Empire Press.
1932 E. B. Vella *Storja ta' Ħal-Tarxien u Raħal Ġdid* pp 304 xvi Empire Press.
1932 Dun Karm *Il-"Ħmistax-il-Wardà"* pp 20 Empire Press.
1932 Dun P. P. Saydon *Ktieb l-Imħallfin u Ktieb Rut* pp 50 vi Empire Press.
1932 Ninu Cremona *Waraq mar-riħ* pp 50 Empire Press.
1932 Għaqda tal-Malti (Univ.) *Tagħlim il-Malti fl-imgħoddi u l-lum* pp 24 Lux Press.
1933 Dun P. P. Saydon *Il-Kotba ta' Samwel* pp 94, vi Empire Press.
1934 Sir Temi Zammit *L-ewwel għajnuna lil min ikorri* pp 244 Empire Press.
1934 M. Agius *Is-SS Salvatur f'Malta* pp 56 Dar ta' San Ġużepp.
1934 Ant. G. Mamo b. a. *Tifkira ta' l-Assedju l-Kbir* pp 16 Empire Press.

# LILL-KELB (*)

Jgħidulek hekk, għax għandek qalbek tajba
u tħobb lil Sidek li ma xejn ma tibdlu.
Biża' ma tafx fejn jitlob wensek, anqas
għejja ma tagħmel bik fejn jaħdem Hu.
Qwejjed u ħiemed ħdej' riġlejh tinxeħet
meta jew sieket jaħseb, jew ma' ħbiebu
jitħadded dmiru: u għalkemm mal-qiegħa
tmedd riġlejk ta' quddiem u rasek fuqhom
bħallikieku biex torqod, inti tishar,
u dlonk turih li qalbek qegħda miegħu
bi tferfira ta' denbek, jekk ikellmek
jew imellislek xagħrek. Tqum u tixħet
ħarstek ġe' ħarstu biex titkixxef ħsiebu
jekk Hu jagħti xi ħjiel li se'r jiċċaqlaq:
u jekk xi ħtieġa jew xi waħma tiġbdu
barra mid-dar, inti bla xejn ma tfittex
jekk hix xemx taħraq jew xi bard li jreżżaħ,
bi tnehida ta' ferħ tiġri quddiemu,
għax biss fejn ikun Hu artek u darek.
Tilbet u b'denbek bejn saqajk titkaxkar
quddiemu, jekk tarah għalik imdagħdagħ,
u tieħu bla ma tikxef snienek bojjod
is-swat minn għandu, w-bħallikieku tagħraf
il-ħaqq ta' Sidek, hemm int tibqa' kiebi
tħares f'għajnejh, biex tara jekk ewwilla
għadx baqagħlek xi tħallas: 'mma kif tarġa
trewwaħ fewġa tas-sliem, inti ferrieħi
issul ma' Dak li ħaqrek, għax ġe' qalbek
qatt ma tgħammar id-dnewwa għal min darba
uriek li ħabbek: u sal-mewt is-sedqa.

DUN KARM

16 - 7 - 34.

---

(*) Il-kelma *kelb* ġejja minn għerq li jfisser *ingħaqad*, jew *irtabat*. Fost raġunijiet oħra, xi għorrief igħidu illi lill-kelb tawh dan l-isem, għaliex hu iħobb hekk lil sidu li tista' tgħid *jirtabat* miegħu u jsir ħaġa waħda miegħu. (Ara Preca, A.—Malta Cananea, pag. 417).

# GĦAJDUT MALTI

1. Ilsienha niżel f'għarqbejha=tbikkmet
2. Di' fejn sibnieha?!
3. Biex trid taf *jew* biex trid tkun taf
4. Rafa' jew qata' s-sliem
5. Ma mmorrux bogħod... (mita trid iġġib jew tagħti turija li jafha kulħadd)
6. Żaqqu ma' dahru (niexef qatigħ)
7. Pattieha qares=Tħallas ħażin tagħha, swietlu b'tewba
8. Il qexx u l-mexx=Nies ta' kull qatgħa u fosthom mhux mill-aħjar, nies imħallta
9. Xaqqa dawl "tliet mitt lira fihom xaqqa dawl"
10. Naqja liri "qbadt naqja liri"
11. Mhux kollha wlied il-qanfud!
12. Għal melħa ma jħallix il-borma ħelwa
13. Ħsiebi wrajja
14. Morna l-baħar b'kollox
15. Toqgħod għal qalb Alla
16. Jaf xi jgħid u l-kliem jaf iqiegħdu
17. Miġjub fuq wiċċ l-idejn
18. Ħadtek mix-xebh
19. Ċekċkuh għarus...; ma nridx ismi jiċċekċek ma' isimha...
20. Taf li inti mżeffen fil-biċċa?
21. Fejn sejjer b'rasek?!
22. Għandu ġuħ minsi
23. Ħu qatra nbit għall-għaraq
24. Fid-daqqa u l-ħabta
25. Taħsel wiċċek bħal qattus
26. U ngħidlek għandi ras daqs qartalla
27. L-inbit ħalib ix-xjuħ
28. Għajta fl-art u oħra fis-sema
29. Jalla minn fommok 'l Alla
30. Bla daħk
31. —Agħmilli għoġba (ħajr, pjaċir) — Mqar mill-qasba ta' sieqi

32--"Għomrok twil!" Igħiduha lil min tkun issemmih u filli dan issibu quddiemek
33. Frisk iċaqċaq
34. Naf x'hemm miżrugħ
35. Il-ġilda laħqet il-għadma
36. Narrah imbierek wiċċek! *jew*
37. Narrah imbierek il-ħalib li tatek ommok (jiġifieri galantom int, titħaddet tajjeb)
38. Tinħela wara xi ħadd (inħela wara l-qaddejja tiegħu u ma ħalla xejn lil niesu)
39. Għal xejn b'xejn
40. Nofs bin-nofs
41. Daqsxejn waħda
42. Ftit wieħed
43. F'malajr wieħed (immur u niġi f'malajr wieħed)
44. Min hu sidi ('k irrid nagħmel hekk jew hekk)
46. Bħalkieku q'ed inqerr
46. Iħallik nofs trieq
47. Baqa' f'wiċċu
48. Tiegħu u ta' wiċċu
49. Inħallik taħseb
50. —Mitt darba; iżda
51. Riħ li l-lum
52. Kull jum u risqha (ma nħallux għal għada)
53. It-tfal bħall-ħabaq: jitbielu daqsxejn u jerġgħu jqumu
54. Kull fejn taqta' jiġri d-demm
55. Meħtieġhom ħafna=bżonnhom ħafna
56. Minkejja fih; minkejja f'qalbu
57. Minn hawn sa hemm m'hemm xejn
58. Mita tinfaqa' ċ-ċaqliqa tal-baħar
59. Għamlu telegraff bilġri
60. B'leħen ta' mogħdrija
61. Ħfief daks it-tajr
62. Resqu x'erba' griedel: in-nassab qaleb għalihom.
63. Irrokka bl-ikrah
64. Qabad u mar=telaq
65. Bit-tiġbid=bit-tagħkik "bit-tiġbid inħallsuh il-kera"

66. Imlew għajnejhom bih (xi żiemel li *jidħrilhom* li hu sabiħ)
67. Għax da' li hu u ma hux
68. Hekk u hekk ma hu
69. Kos imbierek Alla l-ħanin x'ħaġa !
70. Id-dar ħadha minn fuq ommha
71. Il-għalqa lilu għadha tgħajjat
72. Għamilt driegħi sejf u sidri tarka (tħabatt kemm stajt : tajt u qlajt)
73. Raġel ta' l-istink
74. Imbagħad il-ġisem t'hiex inhu
75. Namar Alla jbażża'! jew Namar Alla kemm ibażża'! igħiduha mita jagħmel theżhiż l-art, is-sajjetti, silġ kbir, rwiefen qawwija u x'naf jien)
76. Ħadd ma jiksirlu driegħu (ħadd ma jagħalbu)
77. Infetħu bwieb is-sema (mita tagħmel xita bosta f'daqqa)
78. Barra minn hawn u s-siegħa ta' dal-ħin !
79. Mela biex tkun taf ! mela biex trid tkun taf !
80. Minn wiċċu, jew minn għajnejh itajjar ix-xrar tan-nar
81. Ma' wiċċha tixgħel kubritha jew sulfarina
82. Dak li hu, hu; is-sewwa, sewwa
83. Jagħtu lkoll qattanija waħda
84. Fejn dari........
85. Kif ingħidlek jien (tabilħaqq)
86. Ingħidlek jien
87. Rasi inħossha misjura
88. Mnejn toħroġ il-kelma toħroġ ir-ruħ
89. Ġol-qalb tal-qalb
90. Bla moħħ
91. Bil-herra li ħriġt biha
92. Ħabat il-lant

*(jissokta)*

V. M. B.